

Brussell, 22 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12200/25

PECHE 234
DELECT 112

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5599 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'11.8.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (<i>Delphinus delphis</i>) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5599 final.

Mehmuż: C(2025) 5599 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.8.2025
C(2025) 5599 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.8.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241¹ jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, biex jintlaħaq l-oġettiv li jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet tal-baħar sensittivi, inklużi dawk elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE² u 2009/147/KE³, li jirriżultaw mis-sajd, jitnaqqsu kemm jista' jkun u, fejn possibbli, jiġu eliminati sabiex ma jikkonstitwixxux theddida għall-istat ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tqis l-ispeċifitàjiet reġjonali tas-sajd rilevanti, billi temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi, f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013⁴.

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għal speċijiet sensittivi. Il-punt 3 ta' dak l-Anness jirrikjedi li l-Istati Membri jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi fejn l-evidenza xjentifika vvalidata tindika l-impatti negattivi tal-irkaptu tas-sajd fuq speċijiet bħal dawn. Il-punti 2 u 4 ta' dak l-Anness jirrikjedu wkoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jiġbru data xjentifika dwar il-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi u biex jimmonitorjaw u jivvalutaw l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni stabbiliti skont l-Anness.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2019/1241 jipprevedi li r-rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmiya fl-Artikolu 15(2), fir-rigward tal-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi, tista' tispeċifika l-użu ta' miżuri addizzjonali jew alternattivi għal dawk imsemmiya fl-Anness XIII biex jiġu minimizzati l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet imsemmiya fl-Artikolu 11, tipprovdi informazzjoni dwar l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ eżistenti u tispeċifika r-restrizzjonijiet fuq it-tħaddim ta' ċertu rkaptu jew tintroduċi projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu tas-sajd f'żona fejn tali rkaptu jirrappreżenta theddida għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet f'dik iż-żona kif imsemmi fl-Artikoli 10 u 11 jew ħabitats sensittivi oħra. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jirreferi għall-mammiferi tal-baħar jew ir-rettili tal-baħar elenkati fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE u l-ispeċijiet ta' għasafar tal-baħar koperti mid-Direttiva 2009/147/KE.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

³ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

Id-denfil komuni (*Delphinus delphis*) huwa speċi protetta strettament skont l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/ECC, li jelenka ċ-ċetaċċi kollha bħala speċi ta' interess Komunitarju li jeħtieġu protezzjoni stretta. Bejn l-2019 u l-2021, irrokkaw total ta' 5 938 individwu ta' denfil komuni tul il-kosti tal-Golf tal-Biskalja⁵. Għalhekk, il-qabdiet aċċessorji jitqiesu bħala theddida kbira għal dawn l-ispeċijiet.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fl-20 ta' Ġunju 2024, il-grupp reġjonali tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall) ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni, li ġiet aġġornata ulterjorment fid-19 ta' Settembru 2024. B'interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd rilevanti fl-Ilmijiet tal-Lbiċ, dawn l-Istati Membri pproponew miżuri speċifiċi ta' ġestjoni u monitoraġġ biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni u ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (is-subżona 8 tal-ICES), li ġew implimentati permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2024/3089.

Peress li d-data tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni u monitoraġġ implimentati bir-Regolament Delegat (UE) 2024/3089 tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025, il-grupp reġjonali tal-Ilmijiet tal-Lbiċ ressaq rakkomandazzjoni konġunta fis-6 ta' Ġunju 2025 li titlob l-estensjoni ta' daww il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2026. Ir-Rakkomandazzjoni konġunta tipproponi wkoll li tizzied il-kopertura tal-monitoraġġ għall-pariti (GTR) u l-għeżula tal-qieġħ (ankrati) (GNS) minn mill-inqas 5 % għal mill-inqas 7 %.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (SWWAC, South Western Waters Advisory Council) ħareġ opinjoni dwar abbozz kważi finali tar-rakkomandazzjoni konġunta. Matul it-tnejn tar-rakkomandazzjoni konġunta, kemm l-SWWAC kif ukoll il-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi ġew mistiedna jattendu, parzjalment, il-laqgħat tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u tal-Grupp Tekniku.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fit-8 ta' Lulju 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Sommarju tal-azzjoni proposta

L-att delegat jemenda l-miżuri stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 billi jestendi l-miżuri eżistenti biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni u ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja sal-31 ta' Diċembru 2026 u billi jżid il-kopertura tal-monitoraġġ għall-pariti (GTR) u l-għeżula tal-qieġħ (ankrati) (GNS).

Bażi Legali

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

⁵ Il-Grupp ta' Ħidma tal-ICES (2023) dwar il-Qabda Aċċessorja ta' Speċijiet Protetti (WGBYC). Rapporti Xjentifiċi tal-ICES. 5:111. 334 pp, <https://doi.org/10.17895/ices.pub.24659484>.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.8.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi r-regoli fil-livell reġjonali fir-rigward tal-miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi inklużi ċ-ċetaċċi, billi jingħataw dettalji dwar iż-żoni ristretti, il-perjodi u l-limitazzjonijiet tal-irkaptu.
- (2) Fost l-oħrajn, dak ir-Regolament jipprevedi miżuri speċifiċi biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-dniefel komuni u ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (is-subżona 8 tal-ICES). Dawn il-miżuri jinkludu: (i) l-użu ta' apparat akustiku deterrenti għax-xbieki tat-tkarkir pelaġiku ta' nofs l-ilma u x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi kollha, (ii) għeluq tas-sajd mit-22 ta' Jannar sal-20 ta' Frar u (iii) sett ta' miżuri anċillari għall-ġbir ta' data xjentifika dwar il-qabdiet aċċessorji ta' ċetaċċi żgħar fil-ġurnal ta' abbord, kif ukoll reġistrazzjonijiet magħmula billi jiġu koperti ċerti perċentwali tal-isforz tas-sajd b'osservaturi jew sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ li jinkorporaw kameras abbord.
- (3) Dawk il-miżuri speċifiċi, introdotti fir-Regolament (UE) 2019/1241 bir-Regolament Delegat (UE) 2024/3089², jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025. Permezz ta' rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata fis-6 ta' Ġunju 2025, il-grupp reġjonali tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall) jitlob l-estensjoni tal-miżuri rilevanti attwalment stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 għaċ-ċetaċċi żgħar fil-Golf tal-Biskalja.
- (4) Peress li dawn il-miżuri jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni fil-Golf tal-Biskalja, jenħtieġ li dawn jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2026.

¹ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3089 tat-30 ta' Settembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (ĠU L, 2024/3089, 9.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3089/oj).

- (5) Minbarra li titlob l-estensjoni tal-miżuri eżistenti, ir-rakkomandazzjoni konġunta tas-6 ta' Ġunju 2025 tippromponi żieda fil-kopertura tal-osservaturi tal-isforz tas-sajd totali mkejje f'jiem fuq il-baħar għal mill-inqas 7 % għall-pariti (GTR) u l-għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS) bejn Jannar u Marzu.
 - (6) Peress li l-miżuri ta' ġestjoni huma l-istess bħal dawki li applikaw fl-2025 u l-miżuri ta' monitoraġġ tiegħu, il-konklużjonijiet tal-parir tal-STEFC ta' Lulju 2024³ dwar il-miżuri ta' ġestjoni u monitoraġġ għadhom validi, il-Kummissjoni tqis li l-estensjoni tal-miżuri sa tmiem l-2026 hija ġġustifikata.
 - (7) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fit-8 ta' Lulju 2025.
 - (8) Dan ir-Regolament Delegat huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri addizzjonali għall-protezzjoni tad-dniefel komuni u ċetaċċi żgħar oħra li l-Kummissjoni tista' tadotta skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-infurzar tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁴ jew, f'każ ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati ma' theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, u miżuri nazzjonali aktar stretti li l-Istati Membri jistgħu jadottaw għal dak l-għan fl-ilmijiet tagħhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013 u (UE) 2019/1241.
 - (9) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu. Peress li l-miżuri li jridu jiġu estiżi jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2025, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2026 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.
 - (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat skont dan,
- ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026.

³ Il-Kummissjoni Ewropea: iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, 76th plenary report (STEFC-PLN-24-02), Rihank, D.(editur) u Doerner, H.(editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea il-Lussemburgu, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/1035959>, JRC140570

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.8.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN